MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 1133/2005

M. Demajo (Graphic Arts) Limited
vs
Pamson Ltd.

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` Pamson Ltd. li bih esponiet:

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet notifikata b'ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru, 2005 fejn kien hemm indikat **pretensjoni ghall-hlas** ta' tnejn u ghoxrin elf seba mija u tnax-il lira u hamsin centezmu – Lm22,712.50 – u dan kif kien spegat fid-dettal fl-imsemmija ittra.

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet qed topponi l-istess **ezekuzzjoni** tal-imsemmija ittra ufficjali u dan principalment ghas-segwenti ragunijiet:-

- Is-socjeta` rikorrenti **qatt** ma kienet irceviet il-konsenja in kwistjoni fejn il-valur kien riprodott fil-kambjali in kwistjoni;

- illi ***di piu`***, qatt ma kien inhareg ***'delivery note'*** kif mistenni, liema haga tikkonferma dak indikat fil-punt precedenti;

- illi l-**ammont originali** w cioe ta' tnejn u erbghin elf seba mija w tnax-il lira u hamsin centezmu – Lm42,712.50 – kien gie **girat** mas-socjeta` Dram Co. Ltd. u ghalhekk is-**socjeta` ta' l-ahhar kienet assumiet ir-responsabbilta` shiha** kif kien jirrizulta mid-dikjarazzjoni annessa mar-rikors u mmarkata Dok 'MB';

- **illi in vista tas-suepost, is-socjeta` Dram Co. Ltd kellha tigi kjamata fil-kawza biex tirrispondi ghal dan l-obbligu tal-hlas kif ukoll biex is-socjeta` rikorrenti ma tigix pregudikata u ssofri bla bzonn li tkun gravi u irremedjabbli.**

**Ghaldaqstant**, in vista tas-sueposti **punti principali**, il-Qorti giet mitluba tordna s-**sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-effetti tal-ittra ufficjali** tat-2 ta' Novembru, 2005 sabiex:-

- a tenur ta' l-istess artikolu 253(e) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civil kif kwotat;

- tipprocedi gudizzjarjament, jekk jidhrilha, permezz ta' citazzjoni;

- ghat-talba tal-hlas.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

Illi permezz ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Novembru 2005, is-socjeta` intimata kienet talbet il-hlas ta' tnejn u ghoxrin elf seba` mija u tnax Liri Maltin u

hamsin centezmu (Lm22,712.50) rapprezentanti import ta' tmien (8) kambjali kif kien spjegat fl-istess ittra ufficjali.

Illi permezz tar-rikors taghha, is-socjeta` rikorrenti kienet qed titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-effetti tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2005 ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors.

Illi Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali jew ***promissory note*** tkun tista' taghmel rikors fejn titlob lill-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew ***promissory note inter alia*** fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni.

Illi pero` s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex ragunijiet gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni kif kienet tirrikjedi l-Ligi.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-effetti tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2005 kellha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Herman Miceli Demajo li fih issemma li hu kien jokkupa l-kariga ta' ***Deputy Chairman*** ta' Demajo Group u ***Financial Director*** tas-socjeta` M. Demajo (Holdings) Ltd. li hija azzjonista tas-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. kienet tbiegh lil Dram Co. Ltd. principalment karti ghal ***photocopier*** u karti ohra. F'xi zmien Dram Co. Ltd. kellhom jaghtuhom somma flus konsiderevoli ta' circa Lm70,000. Ghalhekk ix-xhud u Pierre Balzan Demajo li kien il-***Managing Director*** tas-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. kienu talbu lil Dram xi forma ta'

garanzija. Huma kienu jkellmu lil Rueben Buontempo li kien direttur tas-socjeta` Dram Co. Ltd. Dram kienu hargu bl-idea li flok garanzija jgibulhom kambjali minghand Pamson Limited sabiex iservu bhala garanzija. Huma accettaw u x-xhud stess kien qalilhom biex jaghmluhom dirett f'isem is-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. ghax hass li hekk aktar ikunu ***safe***. Dram accettaw u ghamluhom. Ix-xhud kien staqsa lil Dram kif Pamson kienu se jaghmlulhom il-kambjali b'dak il-mod u Buontempo qallu li dak kien arrangement taghhom ma' Pamson ghax dawn kellhom jaghtuhom hafna flus minhabba li Dram kienu jbieghu l-karti tal-***photocopier*** lil Pamson.

Il-kambjali kienu saru, u saru minghajr ebda kundizzjoni. Originarjament kienu hargu 14-il kambjala li kienu jammontaw ghal Lm42,712.50. L-ewwel sitt kambjali kienu thallsu u ghalhekk il-bilanc dovut kien ta' Lm22,712.50. Hamsa minnhom kienu thallsu minn Dram u meta Dram kienu jhallsu xi kambjala, is-socjeta` rikorrenti kienet tirritorna dik il-kambjala lil Pamson u kienu jibghatu kopja taghha lil Dram. Wahda mill-kambjali mhallsa kienu hallsuha Pamson direttament. Ghall-habta ta' Settembru 2005, kienu kellmu lil Dram u qalulhom li kienu se jfittxu lil Pamson u x-xhud kien kellem ukoll lil John Fenech li kien wiehed mid-diretturi ta' Pamson u dan qallu li lil Dram ma kellhom jaghtuhom xejn u ma kienux se jonoraw il-kambjali. Zied jghid li huma jinnegozjaw ukoll ma' Pamson billi jbieghulhom karti, ***printing supplies*** u makkinarju. Huma kellhom jaghtuhom xi flus u kienu lura fil-pagamenti taghhom.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Pierre Balzan Demajo</u> li fih issemma li hu kien ikun involut fid-diskursati li kien ikollhom ma' Pierre Buontempo ta' Dram Co. Ltd. Ikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' Herman Miceli Demajo.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Paul Agius</u> li fih issemma li hu kien wiehed mid-diretturi u azzjonist tas-socjeta` Pamson Ltd. u l-kariga tieghu kienet ta' ***Financial Director***. Qal li l-***partner*** tieghu kien jiehu hsieb l-aktar ix-xiri u l-bejgh

necessarju u l-***public relations***. Zied jghid li Herman Miceli Demajo qatt ma kien prezenti u ha parti attiva fin-negozjati li saru li kienu jinvolvu direttament lil. Qal li f'dan il-kaz kien sar ftehim mas-socjeta` Dram Co. Ltd ghax-xiri ta' pitazzi u affarijiet ohra u kienet is-socjeta` Dram Co. Ltd. li ordnat il-materjal minghand Demajo (Graphic Arts) Ltd. u ghalhekk f'dan ir-rigward il-ftehim li sar kien jezisti biss mas-socjeta` Dram Co. Ltd.

Ix-xhud cahad li l-kambjali saru minghajr ebda kundizzjoni. Fil-kambjali li gew preparati minn M. Demajo (Graphic Arts) Ltd., fuq insistenza ta' Pamson Ltd., kien gie inserit il-kliem ***"As per goods ordered"***. Fl-iskrittura kien hemm indikat b'mod specifiku ***"Dram Co. Ltd. accepts full responsibilty of the said Bills of Exchange .."***. Qal li jekk kien hemm kambjali li ma kienux gew ritornati lura lil Pamson Ltd. dan kien ifisser li ghalkemm Pamson Ltd. kienet hallset lis-socjeta` Dram Co. Ltd., din ta' l-ahhar aktarx zammet il-flus ghaliha.

Gie prezentat affidavit ta' John Fenech li fih issemma li hu ***Sales Director*** tas-socjeta` Pamson Ltd. u li kien involut sal-ahhar fid-diskursati li saru u kif sar il-ftehim sija ma' Dram Co. Ltd. kif ukoll mar-rapprezentanti ta' M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. Hu kkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' Paul Agius.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2005 M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. talbet il-hlas ta' Lm22,712.50 rapprezentanti import ta' 8 kambjali. In segwitu permezz ta' rikors tal-25 ta' Novembru 2005 Pamson Ltd. talbet is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-effetti tal-ittra ufficjali fuq imsemmija tat-2 ta' Novembru 2005. L-artikolu 253(e) tal-Kap 12 jghid illi:

"Huma titoli ezekuttivi:

(e) kambjali u promissory notes mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc:

B'dan i\da illi l-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-e\ekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory*

*note* kollha jew f’parti minnha u sew su[[ett g]al garanzija kif ukoll ming]ajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-e\ekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li g]andu jsir fi \mien g]oxrin jum min-notifika ta’ l-ittra uffi`jali li tintbag]at biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, min]abba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tag]ha jew tal-mandatarju tag]ha jew fejn dik il-persuna tressaq ra[unijiet o]ra gravi u validi biex topponi dik l-e\ekuzzjoni u f’dak il-ka\ biex persuna tesi[i l-]las ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tippro`edi b’kaw\a skond id-disposizzjonijiet tal-Kodi`i tal-Kummer`.

L-ittra uffi`jali msemmija aktar ’il fuq f’dan il-proviso g]andha, ta]t piena ta’ nullita`, tav\a lid-debitur bid-dritt mog]ti lilu minn dan il-proviso.”

Ghalhekk jirrizulta li wahda mir-ragunijiet ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni hija minhabba li l-firma fuq dik il-kambjala jew ***promissory note*** ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha.  Ma saru ebda provi fuq dan l-aspett u anqas Pamson Ltd. ma allegat xejn fuq dawn il-binarji.

L-imsemmi ***proviso*** jaghti bhala raguni ohra ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni fejn jitressqu ragunijiet gravi u validi ghall-oppozizzjoni tal-ezekuzzjoni.  Issa Pamson Ltd. ibbazat ir-rikors fuq l-allegat fatt li ma saret ebda konsenja lilha u li hija s-socjeta` Dram Co. Ltd. li hija responsabbli ghall-hlas tal-kambjali u sa talbet il-kjamata in kawza.  Issa s-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. bieghet karti tal-***photo copier*** u oggetti ohra lis-socjeta` Dram Co. Ltd. li bieghet lis-socjeta` Pamson Ltd. u peress li s-socjeta` M. Demajo Graphic Arts Limited kellha tiehu dawn il-flus saru l-kambjali favurha minghand Pamson Ltd. wara l-ftehim relattiv.  Quddiem il-Qorti jinstabu kamjbali u min-natura taghha l-kambjala ghandha tigi dejjem imhallsa bl-iskop li ma jitqanqlux kwistjonijiet ohra f’dawk il-proceduri.  Li kieku wiehed ma jinsistix fuq l-ezekuzzjoni tal-kambjali hlief ghal ragunijiet gravi u validi, wiehed ikun qieghed jiznatura l-kambjala.  Irrizulta li Pamson Ltd. verament iffirmat il-kambjali favur M. Demajo (Graphic Arts) Ltd.  Meta Pamson Ltd. iffirmat il-kambjali

hi ntrabtet li taghmel il-hlas lil M. Demajo (Graphic Arts) Ltd. u tali kambjali ghandhom jigu onorati. Il-kwistjoni dwar il-konsenja tal-oggetti hija kwistjoni ta' bejn Pamson Ltd. u Dram Co. Ltd., naturalment salv dejjem id-drittijiet reciproci bejn Pamson Ltd. u Dram Co. Ltd.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi ma tilqax it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2005 maghmula minn Pamson Ltd. u tichad l-istess talba.

Spejjez kontra Pamson Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------